SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

6 ta' Lulju 2017 * [i]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 199(1)(ċ) — Nuqqas ta' identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT — Awtolikwidazzjoni — Natura ipotetika tad-domanda preliminari — Inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari"

Fil-Kawża C-392/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel București (qorti tal-appell ta' Bukarest, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' April 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Lulju 2016, fil-proċedura

Dumitru Marcu

vs

Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF),

Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice București

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn E. Juhász, President tal-Awla, C. Vajda u C. Lycourgos (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Rumen, minn R.-H. Radu, kif ukoll minn L. Lițu u C. M. Florescu, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u L. Radu Bouyon, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), u tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1), b'mod partikolari dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom relatati mal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni [reverse charge].

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Dumitru Marcu u l-Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF) – Direcția Generală regională a finanțelor publice București (aġenzija nazzjonali tal-amministrazzjoni fiskali (ANAF) – direttorat ġenerali reġjonali tal-finanzi pubbliċi ta' Bukarest, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem l-"amministrazzjoni fiskali"), dwar talba għal annullament tad-deċiżjoni ta' din tal-aħħar, li timponi fuq ir-rikorrent il-ħlas retroattiv tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għal tranżazzjonijiet immobiljari u li tirrifjutalu l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-Artikolu 2 tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2005, L 157, p. 203), jipprevedi:

"Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonjiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu lill-Bulgarija u lir-Rumanija u għandhom japplikaw f'dawk l-Istati bil-kondizzjonijiet kif elenkati f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att."

Id-Direttiva 2006/112

4 L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112 jipprevedi:

"'Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala 'attività ekonomika'. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika."

5 L-Artikolu 12 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw bħala persuna taxxabbli lil kull min iwettaq transazzjoni, fuq bażi okkażjonali, li jkollha x'taqsam ma' l-attivitajiet imsemmija fit–tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1) u partikolarment waħda mit-transazzjonijiet li ġejjin:

(a) il–provvista, qabel l-ewwel okkupazzjoni, ta' bini jew parti minn bini u ta' l-art li fuqha jinstab il-bini;

(b) il-provvista ta' art għall-bini.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(a), 'bini' għandha tfisser kull struttura fissa ma' jew fl-art.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kriterju msemmi fil-paragrafu 1(a) għal bdil ta' bini u jistgħu jistabbilixxu t-tifsira ta' 'l-art li fuqha jinstab il-bini'.

[…]

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b), 'art għall-bini' għandha tfisser kull art mhux żviluppata jew art żviluppata meqjusa bħala tali mill-Istati Membri."

6 L-Artikolu 135(1) tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

(j) il-provvista ta' bini jew partijiet minnu, u ta' l-art li fuqha hija tinsab, ħlief il-provvista msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 12(1);

(k) il-provvista ta' art li ma nbnietx [beni immobbli mhux mibnija] ħlief il-provvista ta' art tal-bini kif imsemmi fil-punt (b) ta' l-Artikolu 12(1);

[…]"

7 Skont l-Artikolu 137(1) tal-istess direttiva:

"L-Istati Membri jistgħu iħallu lil persuni taxxabbli dritt ta' għażla għat-tassazzjoni fir-rigward tat-transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

(b) il-provvista ta' bini jew partijiet minnu, u ta' l-art li fuqha jinsab il-bini, ħlief il-provvista msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 12(1);

(ċ) il-provvista ta' art li ma nbnietx [beni immobbli mhux mibnija] ħlief il-provvista ta' art għall-bini msemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 12(1);

[…]"

8 L-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112 huwa redatt kif ġej:

"Il-VAT għandha titħallas minn kwalunkwe persuna taxxabbli li tkun qed twettaq forniment taxxabbli ta' merkanzija jew servizzi, minbarra fejn din titħallas minn persuna oħra fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 194 sa 199 u fl-Artikolu 202."

9 L-Artikolu 199(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li lilha jsiru l-fornimenti li ġejjin:

[…]

(ċ) il-forniment ta' proprjetà immobbli, kif imsemmija fl-Artikolu 135(1)(j) u (k), fejn il-fornitur ikun għażel it-tassazzjoni tal-forniment skond l-Artikolu 137;

[…]"

10 L-Artikolu 395(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-disposizzjonijet ta' din id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jippreveni ċertu tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

[…]"

11 L-Artikolu 411 tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Id-Direttiva 67/227/KEE u [s-Sitt] Direttiva 77/388/KEE qed jitħassru, bla preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri dwar il-limiti taż-żmien, elenkati fl-Anness XI, il-Parti B, għat-traspożizzjoni f'liġi nazzjonali u l-implimentazzjoni ta' dawk id-Direttivi.

2. Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XII."

12 L-Artikolu 413 tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi:

"Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007."

Id-dritt Rumen

Il-Liġi Nru 571/2003 li tistabbilixxi l-kodiċi tat-taxxa

13 L-Artikolu 127 tal-Liġi Nru 571/2003 li tistabbilixxi l-kodiċi tat-taxxa (iktar 'il quddiem il-"kodiċi tat-taxxa") jipprovdi:

"Persuni taxxabbli u attività ekonomika

1) 'Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika li taqa' taħt il-paragrafu 2, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultat ta' dik l-attività.

2) Fis-sens ta' dan it-titolu, l-attivitajiet ekonomiċi għandhom jinkludu l-attivitajiet ta' produttur, ta' kummerċjant jew ta' fornitur ta' servizzi, inklużi l-attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u dawk tal-professjonijiet liberali jew tal-professjonijiet assimilati magħhom. Bl-istess mod, jikkostitwixxi attività ekonomika l-użu ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi regolari."

14 L-Artikolu 160 tal-kodiċi tat-taxxa, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ matul is-sena 2007, kien jipprovdi:

"Miżuri ta' semplifikazzjoni

1) Il-forniturі u l-akkwirenti ta' beni jew ta' servizzi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw il-miżuri ta' semplifikazzjoni previsti f'dan l-artikolu. L-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri hija suġġetta għall-kundizzjoni imperattiva li l-fornitur kif ukoll l-akkwirent ikunu identifikati għall-finijiet tal-VAT, konformement mal-Artikolu 153.

2) Il-beni u s-servizzi li għalihom japplikaw il-miżuri semplifikati huma dawn li ġejjin:

[…]

b) il-binjiet u partijiet ta' binjiet kif ukoll l-artijiet ta' kull tip li għall-kunsinna tagħhom tapplika s-sistema ta' impożizzjoni;

[…]

3) Il-forniturі huma obbligati li jinkludu l-kelma "awtolikwidazzjoni" fuq il-fatturi maħruġa għall-kunsinni ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 2 mingħajr ma jindikaw it-taxxa relattiva. L-akkwirenti għandhom isemmu t-taxxa relattiva fuq il-fatturi maħruġa mill-fornitur, li fuqhom huma għandhom jindikaw kemm l-ammont ta' taxxa miġbur kif ukoll l-ammont ta' taxxa deduċibbli fid-dikjarazzjoni tal-VAT. Ma jitwettaq ebda ħlas ta' VAT bejn il-fornitur u l-akkwirent għat-tranżazzjonijiet suġġetti għall-miżuri ta' semplifikazzjoni. […]

5) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu taqa' kemm fuq il-fornitur kif ukoll fuq l-akkwirent. Fil-każ li l-fornitur ma jinkludix il-kelma "awtolikwidazzjoni" fil-fattura maħruġa għall-beni jew servizzi li jaqgħu taħt il-paragrafu 2, l-akkwirent għandu l-obbligu li japplika l-awtolikwidazzjoni, li ma jħallasx it-taxxa lill-fornitur, li jinkludi minn jeddu l-kelma 'awtolikwidazzjoni' fuq il-fattura, u li jikkonforma ruħu mal-obbligi previsti fil-paragrafu 3."

Id-deċiżjoni tal-Gvern Nru 44/2004 dwar il-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-kodiċi tat-taxxa

15 Fil-verżjoni tagħha kif emendata matul is-sena 2007, il-punt 62(2) tad-deċiżjoni tal-Gvern Nru 44/2004 dwar il-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-kodiċi tat-taxxa kien jipprevedi:

"Meta l-persuna taxxabbli tilħaq jew jaqbeż il-limitu massimu ta' eżenzjoni u ma tkunx talbet li tiġi identifikata konformement mal-Artikolu 153 tal-kodiċi tat-taxxa, l-awtoritajiet fiskali kompetenti għandhom jagħmlu dan li ġej:

a) meta l-awtoritajiet fiskali kompetenti jkunu kkonstataw in-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet legali qabel ma l-persuna taxxabbli tkun ġiet identifikata għall-finijiet tal-VAT konformement mal-Artikolu 153 tal-kodiċi tat-taxxa, huma għandhom jordnawlha tħallas l-ammont ta' taxxa li kien ikollha tħallas li kieku hija kienet ġiet identifikata għall-finijiet tal-VAT taħt is-sistema normali konformement mal-Artikolu 153 tal-kodiċi tat-taxxa, għall-perijodu ta' bejn id-data li fiha l-persuna kkonċernata kienet tkun identifikata għall-finijiet tal-VAT li kieku hija talbitha fit-terminu previst mil-liġi, u dik li fiha n-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet legali ġie kkonstatat. Barra minn hekk, l-awtoritajiet ta' kontroll għandhom jidentifikaw lil din il-persuna *ex officio* għall-finijiet tal-VAT, konformement mal-Artikolu 153(7) tal-kodiċi tat-taxxa.

[…]"

16 Il-punt 82 ta' dawn il-modalitajiet ta' applikazzjoni, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ matul is-sena 2007, kien redatt kif ġej:

"Il-kundizzjoni imperattiva li għaliha l-Artikolu 160(1) tal-kodiċi tat-taxxa jissuġġetta l-applikazzjoni tal-miżuri ta' semplifikazzjoni, jiġifieri ta' awtolikwidazzjoni, hija li kemm il-fornitur kif ukoll l-akkwirent għandhom jiġu identifikati għall-finijiet tal-VAT, konformement mal-Artikolu 153 tal-kodiċi tat-taxxa u li t-tranżazzjoni inkwistjoni tkun taxxabbli. […]

[…]

9) L-awtoritajiet fiskali għandhom jissanzjonaw lill-fornituri u lill-akkwirenti għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' semplifikazzjoni previsti mil-liġi billi jordnawlhom jirrettifikaw it-tranżazzjonijiet u japplikaw l-awtolikwidazzjoni konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din il-leġiżlazzjoni.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

17 Bejn ix-xhur ta' Awwissu 2005 u Diċembru 2009, D. Marcu kkonkluda, bħala venditur, 35 tranżazzjoni immobiljari li jirrigwardaw artijiet u appartamenti li jagħmlu parti mill-patrimonju personali tiegħu, kemm ma' persuni fiżiċi, mhux identifikati għall-finijiet tal-VAT, kif ukoll ma' persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt Rumen, identifikati għall-finijiet tal-VAT. Għal dawn it-tranżazzjonijiet huwa la ġabar il-VAT u lanqas ma ħallas lura din it-taxxa lill-Istat.

18 Skont il-qorti tar-rinviju, 7 biss minn dawn il-35 tranżazzjoni immobiljari huma rilevanti fil-kuntest tal-kawża mressqa quddiemha. Dawn huma seba' kuntratti ta' bejgħ konklużi, bejn ix-xhur ta' Settembru 2006 u Novembru 2007, ma' persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt Rumen identifikati għall-finijiet tal-VAT.

19 Wara kontroll imwettaq matul is-sena 2010, l-amministrazzjoni fiskali kkonstatat li dawn it-tranżazzjonijiet immobiljari kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet legali meħtieġa sabiex ikunu taxxabbli għall-finijiet tal-VAT u li D. Marcu kellu l-kwalità ta' persuna taxxabbli, peress li huwa kien qabeż il-limitu massimu ta' eżenzjoni u li huwa kien jeżerċita attività ekonomika li tikkonsisti fl-użu ta' proprjetà tanġibbli u intanġibbli sabiex minnha jikseb dħul regolari.

20 F'dan ir-rigward, fid-29 ta' Settembru 2010, l-amministrazzjoni fiskali kkonstatat li l-obbligu ta' identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT, li kien jaqa' fuq D. Marcu fi żmien għaxart ijiem minn meta jinqabeż il-limitu massimu ta' eżenzjoni tal-VAT, ma kienx ġie ssodisfatt. Barra minn hekk, din l-amministrazzjoni qieset li D. Marcu kien sar persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT sa mill-1 ta' Frar 2006 u ħarġet avviż ta' tassazzjoni għall-VAT dovuta retroattivament fuq it-tranżazzjonijiet immobiljari kollha li huwa kien ikkonkluda bħala venditur sa minn dik id-data.

21 D. Marcu kkontesta l-legalità ta' dan l-avviż ta' tassazzjoni quddiem l-Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor (aġenzija nazzjonali tal-amministrazzjoni fiskali – direttorat ġenerali tal-ipproċessar tal-ilmenti, ir-Rumanija) u talab, għat-tranżazzjonijiet konklużi matul is-snin 2006 u 2007 ma' persuni identifikati għall-finijiet tal-VAT, l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' tassazzjoni semplifikat, jiġifieri l-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni), li f'dak iż-żmien kien obbligatorju fil-każ tat-tranżazzjonijiet relatati ma' art bejn persuni taxxabbli, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

22 Skont D. Marcu, sa fejn l-amministrazzjoni fiskali b'mod retroattiv ikkonstatat il-kwalità tiegħu ta' persuna taxxabbli sa mill-1 ta' Frar 2006, hija messha wkoll applikat il-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni għal dawn it-tranżazzjonijiet. Huwa sostna li l-identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT hija kundizzjoni formali intiża li tiżgura l-kontroll tal-implementazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu u ma għandu jkollha ebda impatt fuq ir-rikonoxximent tad-dritt li wieħed ikun suġġett għalih.

23 L-Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor (aġenzija nazzjonali tal-amministrazzjoni fiskali – direttorat ġenerali tal-ipproċessar tal-ilmenti) ċaħdet l-argumenti ta' D. Marcu relatati mal-applikazzjoni retroattiva tal-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni, għar-raġuni li, skont il-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ matul is-snin 2006

u 2007, l-applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu kienet suġġetta għall-kundizzjoni imperattiva li kemm il-fornitur u anki l-akkwirenti jkunu ġew identifikati għall-finijiet tal-VAT. Issa, f'dak li kien jikkonċerna lil D. Marcu, din il-kundizzjoni ma kinitx issodisfatta.

24 Fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja li segwiet din id-deċiżjoni tal-Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor (aġenzija nazzjonali tal-amministrazzjoni fiskali – direttorat ġenerali tal-ipproċessar tal-ilmenti), l-amministrazzjoni fiskali żammet il-pożizzjoni tagħha abbażi tal-istess argumenti. Quddiem il-qorti tar-rinviju, D. Marcu sostna li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiġi mistoqsija dwar il-kwistjoni ta' jekk din il-pożizzjoni hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-VAT.

25 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT tikkostiwixxi rekwiżit formali li ma jistax jikkontesta d-dritt għat-tnaqqis tal-VAT, sa fejn il-kundizzjonijiet sostantivi li joħolqu dan id-dritt ikunu ssodisfatti. Skont din il-qorti, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, dan iqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-fatt li wieħed ikollu numru ta' identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT validu fil-mument tal-kunsinna tal-beni immobbli jikkostitwixxix ukoll rekwiżit formali għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-awtolikwidazzjoni, jew jekk huwa jsirx rekwiżit sostantiv, b'mod li dan neċessarjament iwassal għall-inapplikabbiltà ta' dan il-mekkaniżmu, minkejja li, skont id-dritt Rumen, l-applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu huwa obbligatorju għat-tranżazzjonijiet relatati ma' art.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel București (qorti tal-appell ta' Bukarest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, [is-Sitt Direttiva 77/388 u d-Direttiva 2006/112] jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali jew prassi fiskali skont liema, il-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni (miżuri ta' simplifikazzjoni), li dak iż-żmien kien obbligatorju għal tranżazzjonijiet relatati ma' art bejn persuni suġġetti għall-VAT, ma huwiex applikabbli għal persuna li tkun ġiet issuġġettata għal investigazzjoni fiskali u li ġiet irreġistrata, awtomatikament, għall-finijiet ta' VAT wara din l-investigazzjoni, għar-raġuni li dik il-persuna ma applikatx u ma kisbitx ir-reġistrazzjoni qabel ma twettqu dawn it-tranżazzjonijiet jew qabel ma inqabeż il-limitu massimu[?]"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

27 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk is-Sitt Direttiva 77/388 u d-Direttiva 2006/112 jipprekludux regola tad-dritt nazzjonali jew prattika fiskali nazzjonali, li konformement magħha l-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni huwa applikabbli biss bil-kundizzjoni li l-fornitur u l-akkwirent tal-oġġett ikkonċernat ikunu t-tnejn li huma identifikati għall-finijiet tal-VAT fil-mument fejn it-tranżazzjoni sseħħ, u n-nuqqas ta' osservanza ta' din il-kundizzjoni jkun iwassal għall-konsegwenza li l-fornitur, b'applikazzjoni tar-regoli normali tas-sistema tal-VAT, ikun responsabbli għall-ħlas ta' din it-taxxa.

28 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li waħda mis-seba' tranżazzjonijiet immobiljari inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonsisti f'kuntratt ta' bejgħ konkluż fit-13 ta' Settembru 2006, jiġifieri qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, li seħħet fl-1 ta' Jannar 2007.

29 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni biss għal dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tiegħu fi Stat Membru ġdid sa mid-data ta' adeżjoni ta' dan tal-aħħar mal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Ynos, C-302/04, EU:C:2006:9, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni tirrispondi għad-domanda preliminari sa fejn din tikkonċerna l-kuntratt ta' bejgħ tat-13 ta' Settembru 2006.

31 Fit-tieni lok għandu jiġi kkonstatat li d-domanda preliminari tirrigwarda kemm id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva 77/388 kif ukoll dawk tad-Direttiva 2006/112.

32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-fatti rilevanti tal-kawża prinċipali huma posterjuri għall-1 ta' Jannar 2007, li hija d-data li fiha d-Direttiva 2006/112, konformement mal-Artikoli 411 u 413 tagħha, daħlet fis-seħħ u ħassret is-Sitt Direttiva 77/388. Barra minn hekk, mill-Artikolu 411(2) tad-Direttiva 2006/112 jirriżulta li, sa minn dakinhar, ir-referenzi għad-Direttiva 77/388 għandhom jitqiesu bħala referenzi għad-Direttiva 2006/112.

33 Għalhekk, huwa biss l-eżami tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 li huwa rilevanti għall-eżami tad-domanda preliminari.

34 Fit-tielet lok, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni Ewropea tesprimi dubji dwar l-utilità tar-risposta għad-domanda preliminari għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali u, għaldaqstant, fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, ma huwiex ċert li D. Marcu jista' jiġi kkwalifikat bħala "persuna taxxabbli" fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/112, fil-kwalità tiegħu ta' venditur ta' artijiet u ta' appartamenti li jagħmlu parti mill-patrimonju personali tiegħu. Issa, jekk tali kwalifikazzjoni ma kellhiex tinżamm fir-rigward ta' D. Marcu, skont il-Kummissjoni jkun hemm lok li l-avviż ta' impożizzjoni fil-kawża prinċipali jiġi annullat, mingħajr ma d-domanda mgħoddija lill-Qorti tal-Ġustizzja jkollha għalfejn issir.

35 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni u fuq l-applikabbiltà ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew li tistabbilixxi l-fatti rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali. Fil-fatt, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, il-kuntest fattwali u leġiżlattiv li fih taqa' d-domanda preliminari, hekk kif iddefinit mid-deċiżjoni tar-rinviju (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, Kostov, C-62/12, EU:C:2013:391, punt 25).

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minbarra l-fatt li ma jidhirx li D. Marcu kkontesta l-fatt li huwa kien ġie kkwalifikat bħala persuna taxxabbli fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju qieset li D. Marcu kellu tali kwalità, abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Rumen li ttrasponew l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/112.

37 Minn dan jirriżulta li, minn din il-perspettiva, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

38 Fir-raba' u l-aħħar lok, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex twieġeb b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad it-talba mressqa mill-qorti nazzjonali bħala inammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2017, Pérez Retamero, C-97/16, EU:C:2017:158, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li d-domanda preliminari hija bbażata fuq il-premessa li l-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni, kif previst mid-Direttiva 2006/112, jista' jiġi applikat għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-kawża prinċipali.

40 Issa, mill-elementi tal-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li r-Rumanija kisbet, abbażi l-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112, l-awtorizzazzjoni li tapplika l-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni fil-każijiet mhux espressament previsti mill-imsemmija direttiva.

41 Konsegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk it-tranżazzjonijiet immobiljari inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħux jiġu suġġetti għall-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni abbażi tal-Artikolu 199(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/112.

42 L-Artikolu 199 tad-Direttiva 2006/112 jikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju espost fl-Artikolu 193 tagħha, li skontu l-VAT hija dovuta mill-persuna taxxabbli li twettaq kunsinna ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi taxxabbli. L-imsemmi Artikolu 199 fil-fatt jippermetti lill-Istati Membri jagħmlu użu, fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (1)(a) sa (g) tiegħu, mill-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni li permezz tiegħu l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabbli destinatarja tat-tranżazzjoni suġġetta għall-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, Promociones y Construcciones BJ 200, C-125/12, EU:C:2013:392, punt 23).

43 Għaldaqstant, skont l-Artikolu 199(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/112, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa hija l-persuna taxxabbli destinatarja tal-kunsinni ta' beni immobbli, fis-sens tal-Artikolu 135(1)(j) u (k) ta' din id-direttiva, meta l-fornitur ikun għażel it-tassazzjoni tat-tranżazzjoni konformement mal-Artikolu 137 tal-imsemmija direttiva.

44 Għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 135(1)(j) u (k) tad-Direttiva 2006/112 jimponi fuq l-Istati Membri li jeżentaw il-kunsinni ta' binjiet jew ta' parti minn binja u tal-art li fuqha jinsab il-bini minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 12(1)(a) ta' din id-direttiva kif ukoll il-kunsinni ta' beni immobbli mhux mibnija minbarra l-kunsinni ta' artijiet għall-bini msemmija fl-Artikolu 12(1)(b) tal-imsemmija direttiva. Dan l-Artikolu 12(1)(a) u (b), li jagħmel riferiment għalih l-Artikolu 135(1)(j) u (k) tad-Direttiva 2006/112, jikkonċerna l-kunsinni ta' binjiet jew ta' partijiet minn binjiet u tal-art li fuqha jinsab il-bini mwettqa qabel ma dawn ġew okkupati għall-ewwel darba kif ukoll il-kunsinni ta' artijiet għall-bini.

45 Mill-qari flimkien ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet għaldaqstant jirriżulta li, minn naħa, il-kunsinni ta' binja jew ta' parti minn binja u tal-art li fuqha jinsab il-bini minbarra dawk imwettqa qabel ma ġew okkupati għall-ewwel darba kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-kunsinni ta' beni immobbli mhux mibnija minbarra dawk tal-artijiet għall-bini, bħala prinċipju għandhom jiġu eżentati mill-VAT.

46 Madankollu, l-Artikolu 137 tad-Direttiva 2006/112 jippermetti lill-Istat Membri jagħtu lill-persuni taxxabbli tagħhom id-dritt li jagħżlu t-tassazzjoni ta' ċerti tranżazzjonijiet, fejn fosthom hemm it-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 135(1)(j) u (k) ta' din id-direttiva, jiġifieri t-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt ta' qabel dan.

47 Huwa biss meta l-Istat Membru kkonċernat ikun għażel li jagħti lill-persuni taxxabbli tiegħu l-għażla prevista fl-Artikolu 137 tad-Direttiva 2006/112 u biss meta wieħed minn dawn il-persuni taxxabbli jkun eżerċita din l-għażla, għal tranżazzjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 135(1)(j) u (k) ta' din id-direttiva, li l-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni jista' jiġi applikat għal dawn it-tranżazzjonijiet abbażi tal-Artikolu 199(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva.

48 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tippreċiżax in-natura eżatta tal-beni immobbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

49 Madankollu, jekk wieħed jippreżupponi, fl-ewwel lok, li t-tranżazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirrigwardaw beni immobbli, fis-sens tal-Artikolu 135(1)(j) u (k) tad-Direttiva 2006/112, xorta jkun hemm bżonn li fil-leġiżlazzjoni tagħha r-Rumanija tkun ipprevediet il-possibbiltà, imsemmija fl-Artikolu 137 ta' din id-direttiva, li tagħti lill-persuni taxxabbli d-dritt li jagħżlu

t-tassazzjoni tal-kunsinni ta' tali beni immobbli. Issa, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, ma jidhirx li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fil-leġiżlazzjoni tagħha, ir-Rumanija applikat l-imsemmija possibbiltà.

50 F'dan ir-rigward, anki jekk wieħed jippreżupponi li din l-aħħar possibbiltà teżisti fil-leġiżlazzjoni Rumena, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta b'mod ċar li D. Marcu ma għażilx li jintaxxa t-tranżazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u dan għaliex, fl-ewwel lok, huwa ma kienx identifikat għall-finijiet tal-VAT u, sussegwentement, meta huwa tqies *ex officio* mill-amministrazzjoni fiskali bħala persuna taxxabbli u ntbagħatlu avviż ta' tassazzjoni għat-tranżazzjonijiet inkwistjoni, huwa kkontesta l-legalità ta' dan l-avviż.

51 Konsegwentement, għalkemm it-tranżazzjonijiet fil-kawża prinċipali, jew uħud minnhom, jirrigwardaw beni imobbli, fis-sens tal-Artikolu 135(1)(j) u (k) tad-Direttiva 2006/112, fin-nuqqas tar-Rumanija li fil-leġiżlazzjoni tagħha tapplika l-fakultà prevista fl-Artikolu 137(1)(b) u (ċ) tad-Direttiva 2006/112 li tagħti lill-persuni taxxabbli tagħha d-dritt tal-għażla għat-tassazzjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet jew fl-assenza ta' talba espressa ta' D. Marcu, konformement mal-Artikolu 137 ta' din id-direttiva, li tiġi applikata l-VAT għal dawn it-tranżazzjonijiet, il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 199(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva ma jkunux issodisfatti u, konsegwentement, il-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni, kif previst minn din id-direttiva, ma jkunx applikabbli.

52 Jekk wieħed jippreżupponi, fit-tieni lok, li t-tranżazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirrigwardaw beni immobbli, fis-sens tal-Artikolu 12(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2006/112, il-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni xorta ma jkunx jista' japplika għall-imsemmija tranżazzjonijiet, peress li dawn ma jidhrux fost it-tranżazzjonijiet limitattivament imsemmija fl-Artikolu 199(1)(a) sa (g) tad-Direttiva 2006/112.

53 Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq għandu jiġi kkonstatat li mill-analiżi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 jirriżulta li l-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni li hija tipprevedi ma jistax jiġi applikat għat-tranżazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Minn dan jirriżulta li d-domanda preliminari, li tikkonċerna l-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu, għandha natura ipotetika u li r-risposta għaliha ma hijiex neċessarja għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali. Għaldaqstant, din id-domanda hija inammissibbli.

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi kkonstatat li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel București (qorti tal-appell ta' Bukarest, ir-Rumanija), hija inammissibbli.

Firem

i — Fil-punt 52 ta' dan it-test saru modifiki ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għal-ewwel darba.